**A.L. 212 ta' l-2004**

## ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (KAP. 449)

### Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Ikel Ipproċessat ibbażat fuq Ċerejali u Ikel Ieħor għal Trabi u Tfal Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Ikel Ipproċessat ibbażat fuq Ċerejali u Ikel Ieħor għal Trabi u Tfal Żgħar, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Ikel Ipproċessat ibbażat fuq Ċerejali u Ikel Ieħor għal Trabi u Tfal Żgħar, hawn iktar 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 207 ta' l-2002.

**2.** Dawn ir-regolamenti jimplimentaw il-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/13/EC tal-Kommunità Ewropea.

**3.** (1) Minflok ir-regolament 4.6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Jemenda regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

"Ikel ipproċessat ibbażat fuq ċerejali u ikel għat-trabi ma għandux ikollu fih residwi ta' pestiċidi individwali f'livelli ogħla minn 0.01 mg/kg, ħlief għal dawk is-sustanzi li dwarhom ikunu ġew stabbiliti livelli speċifiċi fis-Seba' Skeda, f'liema każ għandhom japplikaw dawk il-livelli speċifiċi. Il-livelli ta' hawn qabel japplikaw għal ikel ipproċessat ibbażati fuq ċerejali u ikel għat-trabi kif propost lest għall-konsum jew skond kif rikostitwit skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur.".

(2) Dan ir-regolament 4.9 ġdid li ġej għandu jidħol minnufih wara s-subregolament 4.8:

"4.9 Dawk il-pestiċidi msemmija fit-Tmien Skeda ma għandhomx jintużaw fi prodotti agrikoli intiżi għall-produzzjoni

ta' ikel ipproċessat ibbażat fuq ċerejali u ikel għat-trabi. Madanakollu, għall-iskop ta' kontroll:

(i) pestiċidi msemmija f' Tabella I tat-Tmien Skeda jitqiesu li ma ġewx użati jekk ir-residwi tagħhom ma jaqbżux livell ta' 0.003 mg/kg;

(ii) pestiċidi msemmija f'Tabella II tat-Tmien Skeda jitqiesu li ma ġewx użati jekk ir-residwi tagħhom ma jaqbżux livell ta' 0.003 mg/kg.

Il-livelli msemmija f'(i) u (ii) għandhom japplikaw għall-prodotti kif proposti lesti għall-konsum jew skond kif rikostitwiti skond l-istruzzjonijiet tal-manifatturi.".

Iżid is-Seba' Skeda mar-regolamenti prinċipali.

**4.** Dan li ġej għandu jiżdied bħala s-Seba' Skeda minnufih wara s-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali:

" IS-SEBA' SKEDA

**Livelli massimi ta' residwi speċifiċi ta' pestiċidi jew metaboliti ta' pestiċidi f'ikel ipproċessat b'bażi ta' ċerejali u ikel għat-trabi**

| Isem kimiku tas-sustanza | Livell massimu ta' residwi (mg/kg) |
|---|---|
| Cadusafos | 0.006 |
| Demeton-S-methyl/demeton-S-methyl sulfone/oxydemeton-methyl (individwalment jew flimkien, espressi bħala demeton-S-methyl) | 0.006 |
| Ethoprophos | 0.008 |
| Fipronil (is-somma ta' fipronil u fipronyl-desulfinyl, espressi bħala fipronil) | 0.004 |
| Propineb/propylenethiourea (is-somma ta' propineb and propylenethiourea) | 0.006" . |

**5.** Dan li ġej għandu jiżdied bħala t-Tmien Skeda minnufih wara s-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali:

Iżid it-Tmien Skeda mar-regolamenti prinċipali.

"IT-TMIEN SKEDA

**Pestiċidi li ma għandhomx jintużaw fi produzzjoni agrikola intiża għall-produzzjoni ta' ikel ipproċessat b'bażi ta' ċerejali u ikel għal trabi**

*Tabella I*

Isem kimiku tas-sustanza (definizzjoni tar-residwu)

Disulfoton (somma ta' disulfoton, disulfoton sulfoxide u disulfoton sulfone espressi bħala disulfoton)

Fensulfothion (somma ta' fensulfothion, l-analogu tal-ossiġenu tiegħu u s-sulfoni tagħhom, espressi bħala fensulfothion)

Fentin, espressi bħala katijon tat-triphenyltin

Haloxyfop (somma ta' haloxyfop, l-imlieħ tiegħu u esteri inklużi konġugati, espressi bħala haloxyfop)

Heptachlor u trans-heptachlor epoxide, espressi bħala heptachlor

Hexachlorobenzene

Nitrofen

Omethoate

Terbufos (somma ta' terbufos, is-sulfossidu tiegħu u sulfon, espressi bħala terbufos)

*Tabella II*

*Isem kimiku tas-sustanza*

Aldrin u dieldrin, espressi bħala dieldrin

Endrin"

**L.N. 212 of 2004**

## FOOD SAFETY ACT (CAP. 448)

## Processed Cereal-based Foods and Other Foods for Infants and Young Children (Amendment) Regulations, 2004

IN exercise of the powers conferred by article 10 of the Food Safety Act, the Minister of Health, the Elderly and Community Care has made the following regulations:

**1.** The title of these regulations is the Processed Cereal-based Foods and Other Foods for Infants and Young Children (Amendment) Regulations, 2004, and they shall be read and construed as one with the Processed Cereal-based Foods and Other Foods for Infants and Young Children Regulations, 2002, hereinafter referred to as "the principal regulations". Citation. L.N. 207 of 2002.

**2.** These regulations implement the provisions of Commission Directive 2003/13/EC of the European Community.

**3.** (1) For regulation 4.6 of the principal regulations there shall be substituted the following: Amends regulation 4 of the principal regulations.

> "Processed cereal-based foods and baby foods shall not contain residues of individual pesticides at levels exceeding 0.01 mg/kg, except for those substances for which specific levels have been set in the Seventh Schedule, in which case such specific levels shall apply. The above levels apply to processed cereal-based foods and baby foods as proposed ready for consumption or as reconstitued according to the instructions of the manufacturer.".

(2) The following new sub-regulation 4.9 shall be inserted immediately after sub-regulation 4.8 of the principal regulations:

> "4.9 Those pesticides listed in the Eighth Schedule shall not be used in agricultural products intended for the production of processed cereal-based foods and baby foods. However, for the purpose of control:

(i) pesticides listed in Table 1 of the Eighth Schedule are considered not to have been used if their residues do not exceed a level of 0.003 mg/kg;

(ii) pesticides listed in Table 2 of the Eighth Schedule are considered not to have been used if their residues do not exceed a level of 0.003 mg/kg.

The levels referred to in (i) and (ii) shall apply to the products as proposed ready for consumption or as reconstituted according to the instructions of the manufacturers.".

Adds Seventh Schedule to the principal regulations.

**4.** The following shall be added as the Seventh Schedule immediately after the Sixth Schedule of the principal regulations:

"SEVENTH SCHEDULE

**Specific maximum residue levels of pesticides or metabolites of pesticides in processed cereal-based foods and baby foods**

| Chemical name of the substance | Maximum residue level (mg/kg) |
|---|---|
| Cadusafos | 0.006 |
| Demeton-S-methyl/demeton-S-methyl sulfone/oxydemeton-methyl (individually or combined, expressed as demeton-S-methyl) | 0.006 |
| Ethoprophos | 0.008 |
| Fipronil (sum of fipronil and fipronyl-desulfinyl, expressed as fipronil) | 0.004 |
| Propineb/propylenethiourea (sum of propineb and propylenethiourea) | 0.006". |

**5.** The following shall be added as the Eighth Schedule immediately after the Seventh Schedule of the principal regulations:

Adds Eighth Schedule to the principal regulations.

“EIGHTH SCHEDULE

**Pesticides which shall not be used in agricultural production intended for the production of processed cereal-based foods and baby foods**

*Table 1*

*Chemical name of the substance (residue definition)*

Disulfoton (sum of disulfoton, disulfoton sulfoxide and disulfoton sulfone expressed as disulfoton)

Fensulfothion (sum of fensulfothion, its oxygen analogue and their sulfones, expressed as fensulfothion)

Fentin, expressed as triphenyltin cation

Haloxyfop (sum of haloxyfop, its salts and esters including conjugates, expressed as haloxyfop)

Heptachlor and trans-heptachlor epoxide, expressed as heptachlor

Hexachlorobenzene

Nitrofen

Omethoate

Terbufos (sum of terbufos, its sulfoxide and sulfone, expressed as terbufos)

*Table 2*

*Chemical name of the substance*

Aldrin and dieldrin, expressed as dieldrin

Endrin”.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta’ l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 16ċ – *Price 16c*